**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Mons. Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037**
**MALTA**

TAS-SLIEMA

**SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Mons. Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037.**
**Malta**

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 23

It-tlieta u għoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Zack Zammit | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:25pm:**

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 22;**

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**23.5 Approvazzjoni ta' QR 3_Lulju sa Settembru 2025**

**23.6 Approvazzjoni ta' Progett ghal fondi ta' skema finanzjarja mir-Regjun**

**23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**23.9 Mozzjonijiet;**

**23.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**23.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat, Z Zammit, K Wain u W Baldacchino

## 23.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 22

**23.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħat numri 22 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier D Soler.

## 23.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**23.3.1 Laqgħa ma DPM Ian Borg:**

F'din il-laqgħa li għalija attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Minority Leader u s-Segretarju Eżekuttiv ġew diskussi dan il-punti:

> Kwistjonijiet ta' sigurtà u soluzzjonijiet għal Triq Bisazza
> Proġetti ta' manutenzjoni u titjib f'Ġnien Indipendenza
> Problema ta' żieda fil-popolazzjoni tal-ħamiem u t-tniġġis li jħalli
> Relazzjonijiet bejn il-Kunsill u s-sidien tal-lukandi
> Tneħħija tal-booths tal-biljetti li qed jikkawżaw għaġla fuq ix-Xatt, skont il-leġiżlazzjoni l-ġdida
> Titjib fiż-żona ta' Dingli Circus inkluż żona pedonali
> Tisbiħ u manteniment tal-promenade kollha b'paviment, bankijiet u dwal LED ġodda

**23.3.2** **Proġett tat-Torri playground flooring upgrade:**

Is-Sindku spjega li fil-jim li [ejjien ser jitneħħa t-tapit antik madwar il-playground kollu u ser jitpoġġa wieħed ġdid. Dan ix-xogħol mistenni jdum ġimgħatejn biex jitlesta.

**23.3.3** **Proġett tar-Riġenerazzjoni tal-Ġnien Bonello DuPuis:**

Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin il-proġett ser jiġi inawgurat uffiċjalment u bħalissa qed isiru l-aħħar xogħolijiet ta' tisbiħ u tindif.

**23.3.4** **Il-kwistjoni tal-ħamiem:**

Is-Sindku qal li l-kunsill xtara numru ta' gaġġeġ biex jinqabdu l-ħamiem. Dawn ser jitpoġġew f'żoni fejn hemm numru kbir ta' ħamiem u wara li jinqabdu ser jittieħdu l-biċċerija.

**23.3.5** **Il-kwistjoni tal-infurzar dwar il-kiosks tal-ikel:**

Is-Sindku spjega li wara li t-TM għamlu ronda madwar tas-Sliema, speċjalment ix-Xatt. Wara din ir-ronda l-kunsill irċieva notifika b'email mit-TM tgħid li l-istess awtorita' ma tistgħax tinforza l-liġijiet eżistenti sabiex jitneħħew dan il-kiosks, għax il-liġi ma tatihomx din is-seta'. Komplew jispjegaw illi l-infurzar irid issir mill-MTA u mill-awtorita' tal-artijiet.
Is-Sindku staqsa sabiex il-KL jibgħat email ta' kjarifika lil dawn iż-żewġ awtoritajiet.

**23.3.6 Toroq u Bankini:**

Is-Sindku informa lill-kunsillieri li xogħol li għaddej fi triq il-Karmnu, triq Ġafar u triq Ġianni Bencini ta' bankini u tarmac issa daħal fil-fażi finali u dalwaqt ser jingħata t-tarmac.

**23.3.7 Proġett ta' Ferro Bay**:

Is-Sindku informa li inbeda x-xogħol u għandu jieħu madwar sitt xhur.

**23.3.8 Kwistjoni tat-Tindif u l-MOU ma CleanMalta**:

- Il-Viċi Sindku informa wara li ġie iffirmat u intbgħat l-MOU lil CleanMalta għal firhem tagħhom, wara numru ta' tentativi minnu stress sabiex ikollna d-data ta' meta ser jibdew joperaw, qatt ma irċieva risposta.

- Il-Kunsillier R Borg talab lil kunsilliera preżenti biex jikunsidraw jgħatu "*deadline*" lil Cleanmalta. R. Borg, qal li qabel trid tinstab soluzzjoni u iddikjara li ser jimxi mal maġġoranza. Il-kunsilliera preżenti ħadu deċiżjoni li ma tingħatax *deadline* għax hemm numru ta' komunikazjoni li juru li il-Kunsill prova jitlob soluzzjoni fil-ġimgħat li għaddew.

- Għaldaqstant wara li l-KL ilu sitt xhur jistenna risposta, ippropona li l-kunsilliera preżenti jieħdu vot sabiex jerġa jiġi ppublikat it-tender tat-tindif f'isem il-KL u b'hekk jitwaqqa' l-MOU.

  ***Il-Kunsilliera preżenti vvutaw b'mod unanimu favur il-proposta tal-Viċi Sindku.***

**23.3.9 Proġett ta' Għar id-Dud:**

Is-Sindku qal li f'din iż-żona ser jinbiddlu l-fanali kollha minn naħa tal-Enemalta u ser jibda f'Jannar.

**23.3.10 Dawl tal-Milied:**

Il-Viċi Sindku nforma lil-kunsilliera li d-dawl tal-Milied issa kważi armat kollu u dan ser jinxtgħel il-Ġimgħa 28 ta' Novembru.

## 23.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**23.4.1**

- Il-kunsilliera V Galea Pace ssuġerit li jsir attivita' ta' mixgħela tad-dawl tal-Milied.
- Il-kunsilliera V Galea Pace staqsiet meta ser jitranġaw numru ta' toroq oħra fil-lokalita'.
- Is-Sindku wieġeb u qal li fix-xhur li ġejjien ser jitkomplu t-taħdidiet mal-Infrastructure Malta biex isir xogħol fuq seba toroq prinċipali f'tas-Sliema.

## 23.5 APPROVAZZJONI TA' QR 3_LULJU SA SETTEMBRU 2025

**23.5.1** Ġie mressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti tar-rapport tal-QR3.

***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti***

## 23.6 APPROVAZZJONI TA' PROGETT TAL-FONDI GĦAL SKEMA FINANZJARJA TAR-REGJUN LLVANT

**23.6.1** Ġie mressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti l-proġett tal-fondi għal skema finanzjarja tar-reġjun llvant ta' Ewro 4000 relatata mal-Milied.

***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti***

## 23.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**23.7.1** Ma kien hemm l-ebda rapport ippreżentati waqt il-laqgħa

## 23.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI*;*

**23.8.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*F'din l-iskeda tal-pagamenti żdiedet invoice ta' Kurt Calleja (Tas-Sliema Wirt u Niesha)*

Il-kunsillier R Borg ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier E Borg is-sekondat.

## 23.9 MOZZJONIJIET

**23.9.1** Ma kien hemm l-ebda talba biex tiġi imressqa mozzjoni.

## 23.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**23.10.1** Is-seduta ntemmet fit-9:35pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **15 ta' Diċembru 2025**

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________________ |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |